# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 14 ta' Gunju, 2016**

**Talba Nru: 148/2016/VG**

**Nibe Marketing Limited [C-46812]**

**Vs**

**Alfred CAMILLERI**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fis-27 ta' April, 2016** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' elfejn erba' mija tnejn u hamsin euro u tlieta u hamsin centezmi ta' euro [€2,452.53c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Ammont dovut ghal merkanzija konsistenti f'ilma ghax-xorb fil-flixkun, mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut gewwa San Filippo Confectionary.
>
> Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra interpellatorja tal-15 ta' Jannar 2016 u tal-ittra legali tas-26 ta' Marzu 2014, data ta' l-ahhar

konsenja kif tirrizulta mill-istatement anness Dok. A sal-effettiv pagament, kontra l-konvenut ngunt in subizzjoni".

**Ra li l-intimat gie debitament notifikat fl-4 ta' Mejju, 2016** u li baqa' ma ressaq l-ebda risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Ra n-nota mressqa mis-socjeta rikorrenti fis-seduta tal-lum u li permezz taghha hija rriduciet it-talba taghha bl-ammont ta' €200 stante pagament maghmul fil-mori tal-kawza (fol. 7).

Semgha lil Dr. Anthony Cutajar jikkonferma li l-intimat ghad fadallu jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elfejn mitejn tnejn u hamsin euro u tlieta u hamsin centezmi ta' euro [€2252.53c].

Ra li Dr. Anthony Cutajar ddikjara li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talab lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' elfejn mitejn tnejn u hamsin euro u tlieta u hamsin centezmi ta' euro [€2252.53c] ammont dovut ghal merkanzija konsistenti f'ilma ghax-xorb fil-flixkun, mibjugha u kkonsenjata lill-intimat gewwa San Filippo Confectionary.

Ikkunsidra;

2. Dr. Anthony Cutajar ressaq nota ta' riduzzjoni li permezz taghha, t-Talba originali ta' €2452.53c tnaqqset bl-ammont ta' €200 u bil-gurament tieghu kkonferma llum stess li l-ammont reklamat dovut mill-intimat lis-socjeta rikorrenti, u cioe l-ammont ridott ta' €2,252.53c ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

> *(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*
>
> (a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

> *Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*
>
> *(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur <u>jista</u> jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimat gie debitament notifikat fl-4 ta’ Mejju, 2016 u li la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b’xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti, hekk kif ridott permezz tan-nota taghha pprezentata llum stess huwa dovut mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba ridotta tas-socjeta rikorrenti u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ elfejn mitejn tnejn u hamsin euro u tlieta u hamsin centezmi ta’ euro [€2252.53c] bl-imghaxijiet legali fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru minn meta kull ammont indikat fid-dok A a fol. 2 tal-process gie dovut sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha, hekk kif mitluba fit-Talba odjerna, huma a kariku tal-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**